MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 281/2004

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-partijiet izzewgu fl-24 ta' Lulju 1993 skond l-anness certifikat taz-zwieg hawn immarkat bhala Dokument A;

Peress illi l-kunsens tal-kontendenti mill-partijiet kien inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Peress illi l-kunsens tal-kontendenti huwa vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew

fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Peress illi l-kunsens ta' l-attur nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan stante illi hija qatt ma assumiet id-dmirijiet u l-obbligi tal-hajja mizzewga taghhom;

Peress illi l-kontendenti ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg is-setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed sabiex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:
Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet fl-24 ta' Lulju 1993 skond l-anness certifikat taz-zwieg huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi a tenur tal-Att taz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi kien il-kunsens tal-eccipjent li nkiseb b' qerq dwar kwalitajiet tal-attrici li mix-xorta taghhom fixklu serjament il-hajja mizzewga.

2. Illi kien biss il-kunsens ta' l-attrici li kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b' anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg.

3. Illi huwa minnu kif premess mill-attrici (mhux "l-attur"), li l-kunsens taghha kien wiehed li kien jeskludi l-posittivita taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u fil-fatt hija qatt ma assumiet id-dmirijiet u l-obbligi ta' tali hajja.

4. Illi kienet biss l-attrici li ma kellhiex fiz-zmien taz-zwieg is-setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed sabiex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

5. Illi ghalhekk huwa minnu li z-zwieg bejn il-partijiet ghandu jigi ritenut null u invalidu ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi izda dan minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-attrici.

6. Illi minhabba f' hekk l-eccipjent m' ghandux ibati xi spejjez ta' din il-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg kuntrattat bejnha u bejn il-konvenut fl-24 ta' Lulju 1993 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens tal-kontendenti huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d] u [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255, u dak tal-konvenut huwa vizzjat ukoll fit-termini tal-paragrafu [h] ta' l-istess artikolu tal-ligi. Minn naha tieghu l-konvenut irreciproka l-istess imputazzjonijiet.

Il-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu, u hija aktar propensa li f' dawn il-proceduri u f' certu aspetti taghti affidament lill-konvenut.

Mill-provi rrizulta pacifiku li l-partijiet zzewwgu fl-24 ta' Lulju 1993, meta allura l-attrici kellha 20 sena u l-konvenut kellu 27 sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin

circa hames snin. Wara tlett snin twieled it-tifel komuni taghhom fis-sena 1996.

Circa disa’ xhur wara t-twelid tat-tifel l-attrici bdiet tohrog ma’ habiba taghha ghal xi 1.00 am biex tmur Paceville u kienet tirritorna ghal habta tat-3.00 am; filwaqt li l-konvenut kien jibqa’ d-dar mat-tifel.

F’ Jannar tas-sena 1999 il-partijet fuq inizjattiva ta’ l-attrici sseparaw de facto wara konvivenza ta’ sitt [6] snin.

Sussegwentement, fid-9 ta’ April 2000 l-attrici weldet tifla minn terza persuna li damet tghix mieghu circa sentejn, u sussegwentemment harget tqila minn persuna ohra li ilha tghix mieghu ghal dawn l-ahhar erba snin. Sadanittant il-konvenut baqa’ jghix mat-tifel komuni taghhom; inizjalment huwa ghamel ftit taz-zmien jghix mal-genituri ta’ l-attrici, izda sussegwentement mar jghix mal-genituri tieghu ghal xi zmien.

Illi l-attrici imputat lill-konvenut diversi nuqqasijiet. Hija tghid li, wara z-zwieg kienet indunat li dana kien dyslexic u kellu nuqqasijiet mentali. Kien persuna rrisponsabbli fejn jidhlu l-gestjoni tal-flus u tal-business; u anke imputat, fuq suspetti taghha, li dana kien jiehu l-cash mill-hanut bil-mohbi. Hija kienet attribwiet il-falliment tan-negozju taghha ghan-nuqqasijiet u l-inidonejita’ tal-konvenut ghan-negozju. Qalet ukoll li kellha raguni tissuspetta li l-konvenut kien infidil lejha fiz-zwieg. Fi ftit kliem attribwit l-ghawg kollu finanzjarju li habtet mieghu fiz-zwieg lill-konvenut; ghalkemm tghid li meta zzewwget hija kienet immatura.

Illi minn naha tieghu l-konvenut prezenta stampa aktar verosimili fic-cirkostanzi kif zviluppaw. Huwa jghid li qabel ma ltaqa’ ma’ l-attrici kien ilu sitt snin jahdem bhala storekeeper u delivery man mal-kumpanija ta’ missieru. Jghid li l-attrici kienet iffissata fil-business u riedet akkost ta’ kollox tavvanza f’ dan ir-rigward, bir-rizultat li fil-bidu taz-zwieg u fuq insistenza ta’ l-attrici kienu dahhlu ghal piz finanzjarju bil-ftuh ta’ hanut li riedet tiggestixxi l-attrici. Sussegwentement irrizulta li, ghalkemm dan il-hanut

suppost kellu jigi gestit mill-konjugi B, u ghalkemm il-konvenut kien hareg xi flus ghal dan il-ghan, huwa jghid li l-attrici u missierha kienu jiehdu d-decizjonijiet huma u hu ma kellux say f’ dan ir-rigward. Huwa jghid li kien izzewweg lill-attrici ghax kien ihobbha u kien jaf x’ inhuma d-dmirijiet fil-hajja mizzewwga.  ahad li kien dyslexic jew li kellu xi nuqqasijiet mentali, cahad li kien inkoragixxa lil martu sabiex tibda tohrog mal-habiba taghha u tohrog Pacevilli fejn kienet iddum sas-sieghat bikrin ta’ filghodu, u cahad li qatt seraq xi flus mill-hanut u cahad li kellu xi relazzjoni extra matrimonjali.

Illi pero’ jghid li l-ewwel tlett snin taz-zwieg kienu normali, ghajr ghall-inkwiet li kien inqala’ bejn il-koppja minhabba l-hanut.

**Konsiserazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fl-affidavit taghha l-attrici tghid: “Jiena onestament dejjem kont tifla ambizzjuza u li ridt l-indipendenza tieghi u ridt li naghmel karriera f’ hajti, kemm li jkolli familja u kemm fil-business.”[1]  Dan jinsab ampjament konfermat mill-assiem tal-provi; izda l-hegga li kellha l-attrici sabiex tirnexxi fil-business kienet tissupera il-limiti logikament u normalment accettabbli, tant li d-disfatti tal-koppja f’ dan il-qasam ippregudika u dghajjef serjament ir-relazzjonijiet ta’ bejniethom bhala koppja mizzewwga. Jirrizulta li l-konjugi, jew ahjar l-attrici, dahhlu ghal piz finanzjarju li eventwalment irrizulta li ma kienux jifilqu ghalih, specjalment wara t-twelid tat-tifel li kkaguna pressjoni aktar qawwija fuq l-attrici li allura bdiet tamplifika aktar fuq in-nuqqasijiet tal-konvenut li kienet tqis inidoneju biex jiggestixxi l-business. Minn naha tieghu, il-konvenut sostna li qabel ma kien iltaqa’ ma’ l-attrici huwa kien ilu jahdem bhala storekeeper u deliveryman mal-kumpanija ta’ missieru u kien kuntent bix-xoghol li kellu, tant li wara s-separazzjoni huwa rresuma l-impieg tieghu ma’ l-istess kumpanija.

Il-Qorti hasset li l-osservazzjoni premessa hija opportuna sabiex taghti perspettiva korretta tar-retroxena wara t-

[1] Fol.30

tkissir taz-zwieg tal-koppja, almenu kif tirrizulta mill-provi mressqa f' dan il-kaz.

Illi f' dan l-istadju l-Qorti ser tezamina seriatim il-kawzali li fuqhom l-attrici qeda tibbaza l-kaz taghha:

[1] Illi l-ewwel kawzali hija bazata fuq id-dispost tal-paragrafu [c] ta' l-Artikolu precitat li jikkontempla l-caput nullitatis konsistenti fil-qerq esercitata mill-partijiet biex inkiseb il-kunsens matrimonjali, liema qerq jirreferi ghal xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga. Il-partijiet jattribwixxu dan il-qerq reciprokament.

Illi din il-Qorti tosserva li mill-provi ma rrizultax li xi parti qarrqet bil-parti l-ohra f' dan il-kaz. Fattur ta' certu relevanza f' dan ir-rigward huwa l-fatt ammess mill-partijiet li dawna kienu ilhom johrogu flimkien circa hames snin qabel iz-zwieg; u ghalhekk kellhom l-opportunita' shiha li jsiru jafu lil xulxin. Minn naha taghha l-attrici kienet taf li l-impieg li l-konvenut kellu mal-kumpanija ta missieru ma kienx jinvolvi gestjoni ta negozju, filwaqt li l-konvenut kien jaf, u kellu ragjonevolment ikun jaf, li martu li gejja minn familja tali ghandhom negozju avvjat sew, ser tkun inklinata ghal din it-tip ta' xoghol; u allura f 'dan ir-rigward il-Qorti difficli tara kif il-qerq jista' jikkonfigura f' dan il-kaz.

Inoltre, jigi osservat li l-akkuza maghmula mill-attrici fil-konfront tal-konvenut li dana huwa dyslexic u li dan ghandu "nuqqasijiet mentali" hija gratuwita u ma giet provata bl-ebda mod; u dan apparti mill-konsiderazzjoni li, anke jekk dato non concesso dan kien minnu, huwa ragjonevolment mistenni li hija kellha tinduna jew almenu tissuspetta b'dawn in-nuqqasijiet matul il-hames snin li damu jiffrekwentaw lil xulxin qabel iz-zwieg.

[2] Illi t-tieni kawzali hija bazata fuq id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, da parti "tal-kontendenti", fuq id-dmirijiet u drittijiet essenzjali fil-hajja mizzewwga; kif ukoll fuq anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-"konvenut" li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg.

Illi l-Qorti tibda bl-osservazzjoni li l-imputazzjoni da parti ta' l-attrici li l-konvenut kellu anomalija psikologika serja li rrendietu nkapaci li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali matrimonjali, hija totalment gratuwita u priv minn kull fondament. Kwazi huwa ozjuz li jinghad li l-abilita' o meno li konjugi jiggestixxi business jew hanut mhix wahda mir-rekwiziti ghaz-zwieg validu; u certament mhux rekwizit essenzjali matrimonjali. Dan qed jinghad, ghax ghajr forsi ghal dan l-aspett, il-Qorti ma tirravvisa ebda nuqqas fil-konvenut.

L-attrici stess tghid fix-xhieda taghha: "Sa ma kelli t-tifel [ir-relazzjonijiet intimi kienu] normali, konna nfittxu lil xulxin, nohorgu flimkien, pero' fejn jirrigwarda l-hanut konna qisna zewg barranin; nitkellum ghax hu jrid jaghmel li tghid rasu u jiena peress li rrid immexxi l-affarijiet ta' flus ma nistax nimxi bir-ritmu li jghid hu."[2] Kif sosservat din il-Qorti waqt l-istess xhieda, il-problema kienet kollha l-business li kellhom.

Inoltre kif gja osservat, l-imputazzjoni tat-dyslexsia u "nuqqasijiet mentali" imputati mill-attrici lill-konvenut ma gewx provati; izda anke jekk dato non concesso l-konvenut huwa verament dyslexic, ma jirrizultax mill-provi li dan il-fattur kien impedih b' xi mod milli jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg. Huwa relevanti wkoll f' dan ir-rigward li jinghad li, meta l-attrici kienet tohrog u ddum lejl shih barra, il-konvenut kien jibqa' d-dar mat-tifel, u meta eventwalment l-attrici qabdet u telqet mid-dar konjugali, kien il-konvenut li baqa' jiehu hsieb it-tifel komuni taghhom. Illi l-ewwel tlett snin taz-zwieg jimmilitaw kontra din l-imputazzjoni.

Illi in kwantu jirrigwarda l-attrici, il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li dina hija bniedma ambizzjuza u ghandha hegga kbira sabiex tirnexxi fil-business, mill-banda l-ohra ma jistax jinghad li dawn il-fatturi jikkostitwixxu anomalija psikologika fit-termini tal-paragrafu precitat.

---

[2] Fol.64

Dawn il-konsiderazzjonijiet japplikaw ukoll ghall-ewwel parti tal-kawzali bazata fuq id-difett serju ta' diskrezzjoni ta gudizzju. In propositu gie osservat fil-kawza *App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: "Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b' mod sostanzjali, ossia "gravi", minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju – *PA [21.11.1995] Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri]* "Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkun irrflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta' diskrezzjoni ta' gudizzju *[PA Selina Maria Vella Haber vs Joseph Gatt – 15.4.1996]*

Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali"

Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi provat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens , il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. "In altri termini e' necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che

impegni per il futuro.” *[Bersini -citat fil-kawza PA Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri deciza 4.11.1994]* L-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali huma bazati fuq il-kuncett ta’ unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta’ hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied. Din il-kapacita’ li jassuma dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. *[PA Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003].*

Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta’ immaturita’ ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-*caput nullitatis*. Illi ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta’ maturita’ jew edukazzjoni, izda ta’ l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg *[PA Melanie Borg Cardona vs Joseph Borg deciza 29.10.2003]*
*[vide ukoll App.C. App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta’ Jannar 2006,deciza fis-27 ta’ Jannar 2006, u l-awturi u kazistika hemm citati]*

L-immaturita’ jew difett serju ta’ diskrezzjoni “non si referiscono ad una piena e terminali maturita’, non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di ceio che comporta l-matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio’ che puo’ comportare la vita coniugale, ne’ un perfetto equilibrio volitivo- affettivo, ne’ infine una conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche’ riesce piu’ appropriato l’ uso del termine discrezione di gudizzju, che fa riferimento ad un certo discernimento[3] ma non implica il raggiungimento di una maturita’ piena [*Pompedda – Il Consenso Matrimoniale, u awturi ohrjan citati fil-kawza PA Nicholas Agius vs Rita Agius deciza 25 Mejju 1995, citata fil-kawza App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta’ Jannar 2006, [2006]supra*].

Il-premess, applikat ghall-fatti tal-kaz in disamina, iwassal ghall-konkluzjoni li din il-kawzali ma tinsabx sostnuta mill-provi. Ma jirrizultax provat li qabel iz-zwieg u senjatament,

[3] Sottolinear ta’ din il-Qorti

fil-mument tal-ghoti tal-kunsens l-attrici jew il-konvenut kienu inkapacitati minn difett serju ta' diskrezzjoni fit-termini tal-artikolu precitat.  Ma rrizultax li l-partijiet kienu affetti minn inkapacita' psikika li mpediethom milli jifhmu d-dmirijiet u drittijiet essenzjali ghal hajja matrimonjali.

Illi fl-affidavit taghha l-attrici tghid li meta hija zzewwget lill-konvenut hija kienet immatura.  Minn dak li qalet kemm fl-affidavit u kemm fix-xhieda taghha, u mill-mod kif zvolgew l-affarijiet, il-Qorti tosserva li l-immaturita' li l-attrici attribwit lilha nnifisha mhijex dik li tivvizzja l-kunsens taghha, u cioe' li kienet timpediha milli jkollha discerniment tal-hajja matrimonjali, tant hu hekk li hi tghid li l-ambizzjoni taghha kienet li jkollha familja u tirnexxi fil-business u minn imkien ma rrizulta li ma kienitx taf x'timporta l-hajja matrimonjali.  Di fatti l-ewwel tlett snin tal-hajja matrimojali taghhom, cioe' qabel ma bdiet tinduna li ma kienitx ser tlahhaq mal-business u qabel ma bdiet thoss il-pressure ta' l-istess, kienet wahda normali bir-rizultat li twieled it-tifel. Izjed milli livell gholi ta' immaturita' da parti ta' l-attrici, kien piuttost il-kaz ta' decizjoni zbaljata, rizultat ta' certu grad ta' immaturita' da parti taghha, li hadet meta zzewwget lill-konvenut u ppretendiet li dan ser ikun kapaci jmexxi n-negozju maghha.

Ghaldaqstant lanqas din il-kawzali ma tirrizulta sostnuta mill-provi.

[3] It-tielet kawzali hija bazata fuq is-simulazzjoni tal-kunsens kontemplata fil-paragrafu [f] ta' l-Artikolu precitat. L-attrici tghid li l-kunsens ta' l-attur huwa nkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga.

F' dan ir-rigward il-Qorti ssibha difficli biex tifhem kif dan il-caput nullitats jista' b' xi mod jikkonfigura f' dan il-kaz. Fix-xhieda taghha l-attrici tghid: " .. jien m'ghamilt xejn kontra qalbi u ta' bilfors. Jiena zzewwigt minn jeddi u hu zzewweg minn jeddu, hadd m' ghamel xejn ta' bilfors."[4] Mill-provi ma rrizultax li fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens,

[4] fol.73

kemm il-konvenut kif ukoll l-attrici, eskludew b’ att posittiv tal-volonta’ taghhom, iz-zwieg innifsu, jew obbligazzjoni essenzjali ghal hajja mizzewwga; u inoltre, il-premessa fl-att tac-citazzjoni li donnha hija fis-sens l-konvenut qatt ma assuma d-dmirijiet u l-obbligi tal-hajja mizzewwga, hija kontradetta mill-provi.

[4] Illi ir-raba kawzali bazata fuq id-dispost tal-paragrafu [h] hija lampantament insostenibbli; ghax minn imkien ma rrizutla li xi hadd mill-partijiet ma kellux s-setgha ntellettwali jew rieda bizzejjed sabiex jonholoq il-kunsens matrimonjali. Il-fatt li fl-ewwel tlett snin taz-zwieg il-hajja matrimonjali giet deskritta miz-zewg partijiet bhal wahda normali, bir-rizultat tat-twelid tat-tarbija taghhom, jinnewtralizza din l-imputazzjoni. Inoltre, l-attrici stess tghid li huma zzewwgu ghax riedu jizzewwgu u hadd minnhom ma zzewweg bil-fors. Illi ghal dak li jirrigwada s-seta’ ntellettwali, jigi osservat li minn imkien ma’ rrizulta li xi hadd mill-partijiet kien mankanti f’ dan ir-rigward. Ghaldaqstant anke din il-kawzali tirrizulta nfondata.
Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici mhiex gustifikata u ma timmeritax li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------